# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1383/22/1**

**Michael Shaw (K.I. Nru. 203577M)**

**Vs**

1. **Il-kummissjoni dwar is-servizz Pubbliku,**
2. **Il-Ministeru għas-saħħa, u**
3. **Is-segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-saħħa**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Michael Shaw (ir-rikorrent) tas-17 ta' Ottubru 2020.

Rat ir-risposta tal-Ministeru tas-Saħħa u Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa (Awtorita' intimata tal-24 ta' Ottubru 2022).

Rat ir-risposta tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku (il-Kummissjoni intimata) tal-24 ta' Ottubru 2022.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda imressqa.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

Il-fatti fil-qosor huma is-segwenti. Ir-rikorrent applika għall-post ta' Consultant Ophthalmic Surgeon fi ħdan id-Dipartiment tal-Oftalmoloġija fl-isptar Mater dei li jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-intimati Awtoritajiet u dan wara sejħa pubblika fil-gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' April 2022. Fost oħrajn permezz ta' dawn il-proċeduri qiegħed jikkontesta r-riżultanzi tas-sejħa biex jimtela' dan il-post għar-raġunijiet spjegati fir-rikors promotur.

Ir-rikorrent, permezz ta' dawn il-proċeduri jrid lill-intimati jieqfu milli jkomplu bil-proċess tal-ħatra ta', u/jew jaħtru, Consultant Ophthalmic Surgeon fi ħdan id-Dipartiment fuq imsemmi.

Il-Qorti ser tqies l-ewwel, jekk il-Kummissjoni intimata għandhiex tkun parti għal dawn il-proċeduri ossia hiex leġittima kontraditriċi. Fir-rikors tiegħu r-rikorrent qiegħed jimmira li ma ssirx <u>il-ħatra</u> kif fuq spjegat. Issa l-poteri u mansjonijiet tal-Kummissjoni intimata joħorġu minn artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni li speċifikatament jipprovdi hekk :

*"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, <u>is-setgħa li jagħmel ħatriet</u> għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinarji fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru,*

*li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku"* (Emfażi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu jemerġi b'mod ċar li l-ħatriet jagħmilhom il-Prim Ministru l-ebda persuna oħra, ħlief dawk li jkunu delegati, għalhekk minn taħt idejn il-Prim Ministru. (Ara ukoll **Sentenza tal-Prim'Awla ta' l-1 ta' April, 2003 fl-ismijiet Emanuel Caruana pro et -vs- Tabib Prinċipali tal-Gvern et**). Għalhekk il-Kummissjoni għandha raġun meta fit-tielet risposta tagħha tgħid li l-ħatra ma ssirx mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward għalhekk sa fejn jirrigwarda lill-Kummissjoni intimata, t-talbiet rikorrenti ser ikunu miċħuda fir-rigward tal-Kummissjoni.

Artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta inkwantu mandat ta' inibizzjoni jkun dirett kontra l-Gvern jew xi entita' pubblika jiddisponi hekk:

*" Il-qorti <u>m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak</u> kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha <u>kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir</u>, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma"* ( Emfażi tal-Qorti).

Dwar din il-parti tal-liġi l-Qrati tagħna esprimew irwieħhom b'dan il-mod:

"Prior to the issue of a warrant of prohibitory injunction against a public authority, the authority must not only be allowed to reply but must be heard in open court." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Parliamentary Secretary for Housing vs Salvu Buġeja deċiża fit-13 ta' Ġunju tal-1989 Q.K**). Fil-fatt din il-Qorti, meta jkun hemm Awtorita' pubblika għandha l-obbligu li taċċerta li l-fatt li qiegħed jilmenta r-rikorrent fil-fatt tassew ser jitwettaq altrimenti l-ispedizjoni ta' dan il-mandat tkun waħda superfluwa.

Ġaladarba din il-Qorti diġa' stabbilit li l-Kummissjoni intimata ma' għandiex twieġeb għat-talbiet rikorrenti, biex tistabilixxi dan l-element kull ma trid tara jekk il-fatt hux ser jitwettaq mill-intimati Awtoritajiet. Mix-xhieda ta' Marie Rose Camilleri fis-seduta tal-24 ta' Ottubru jirrisulta li ġaladarba il-każ qiegħed jinstema' mill-Kummissjoni tal-Impjiegi, fosthom petizzjoni tar-rikorrent, il-proċess bħal issa wieqaf. Iżda jirrisulta li dan jibqa' wieqaf sakemm tiddeċiedi l-Kummissjoni. Minn naħa l-oħra din ix-xhud tagħmilha ċara li meta l-Awtoritajiet intimati, kif il-każ ikun deċiż mill-Kummissjoni ser ikomplu għaddejjin bil-proċess.

Għalkemm huwa minnu li ħadd ma hu mistenni li jibqa' in perpetwita' li ma għamilx xi att, dan ma jfissirx li xi ħin jew ieħor ma għandiex tittieħed deċiżjoni. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti, bil-mod kif inhi magħmula id-dikjarazzjoni minn dan ix-xhud din il-Qorti ma tħoss li dan jissodisfa il-vot tal-liġi, fis-sens li din il-Qorti għandha tieqaf li tipprovdi dwar it-talbiet rikorrenti fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk ser tkompli biex tikkonsidra żewġ punti oħrajn importanti għal dawn il-proċeduri.

Fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2022, ir-rikorrent iddikjara li bi ħsiebu jipproċedi ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta. Artikolu 469A.(1) jiddisponi li l-qrati tal-ġustizzja ta’ kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta’ xi egħmil amministrattiv jew li <u>jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett.</u> Dan ifisser li jekk ir-rikorrent jirnexxilu f’din l-azzjoni ser ikun qiegħed iġib fix-xejn id-deċiżjoni amministrattiva. Il-konsegwenza li din ma jkolliex effett u għalhekk is-sitwazzjoni tiġi għall-*istatus quo ante.*

Għal din il-Qorti dan ifisser li anke kieku stess ma jsirx mandat ta’ inibizzjoni, l-effetti li ser ikun hemm huma simili għal dawk li jkunu konġelati bis-saħħa ta’ mandat ta’ inibizzjoni għaliex kollox irid jitreġġa’ għal li kien. Dan ifisser li r-rikorrent għalhekk ma hux ser isofri ebda preġudizzju rrimedjabbli.

Illi huwa stabbilit minn dawn il-Qrati kważi b’mod ad nauseam li r-rekwisiti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta’ Inibizzjoni huma li:

I. Il-qorti m’għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent.

II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li r-rikorrent għandu prima facie dritt li jħares dak il-jedd.

III. U l-preġudizzju jkun qiegħed irrimedjabbli.

Dawn it-tlett elementi huma kumulattivi. Għalhekk jekk jonqos wieħed minnhom il-Qorti ma għandiex tapprova l-otteniment ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi il-Qorti tħoss għar-raġunijiet fuq spjegati li dan it-tielet element ma ġiex sodisfatt.

Fl-aħħar nett il-Qorti tħoss li għandha ukoll tirrileva, li f'dawn ix-xorta ta' proċeduri, fejn ikun hemm kompetizzjoni bejn diversi persuni għall-promozzjoni jew kariga fis-settur pubbliku dejjem ikun hemm terzi oħrajn li għandhom interess pero' ma jkunux parti mill-proċeduri bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti. Fil-fhema ta' din il-Qorti dan la huwa sewwa u wisq anqas ġust.

Il-Qorti tagħmel referenza għal digriet mogħti minn din il-Qorti kif presjeduta f'sitwazzjoni xi ftit jew xejn simili għal dik odjerna. F'dak id-digriet intqal li meta mandati bħal dawn ser ikunu jaffettwaw l-interessi ta' terzi, jekk dawn ma jkunux parti għalihom biex ikunu jistgħu jħarsu l-interess tagħhom, talbiet ta' din ix-xorta ma għandhomx jintlaqgħu (Ara Malta Association of professional engineers (MAPE) u il-Bord tal-professjoni tal-inġiniera tal-5 ta' Jannar 2021.

Issa ħareġ ċar mix-xhieda tar-rappresentanti tal-intimati li kien hemm oħrajn li bħar-rikorrent kienu qiegħdin jikkontestaw ir-risultati mal-intimati u dejjem għal-istess kariga. Għalhekk ma hux sewwa u ġust li dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent jintlaqa' meta hemm interessi ta' terzi oħrajn fl-istess posizzjoni tar-rikorrent li ma humiex parti għal dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda fl-ewwel lok tiċħad it-talbiet tar-rikorrent fir-rigward tal-Kummissjoni intimata għaliex ma hiex il-leġittima kontradittriċi u tiċħadhom ukoll fir-rigward tal-intimati l-oħrajn għar-

raġunijiet fuq spjegati. Qiegħda għalhekk tirrevoka d-digriet provvisorju tagħha tas-17 ta’ Ottubru 2022.

Spejjeż għar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Illum 27, ta’ Ottubru, 2022**